MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 418/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Lydon Cutajar**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lydon Cutajar talli:

(1) f'dawn il-Gzejjer Maltin, nhar-is 27 ta' Awwissu 2012, naqas milli jhares xi wahda u/jew iktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera) datat 18 ta' April 2011, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jiffirma kuljum (*sic !*) fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar kull nhar ta' Tnejn u Gimgha

bejn it-8.00 p.m. u t-8.30 a.m., u li jirrinkaza ruhu gewwa r-residenza fejn joqghod bejn l-10.30 p.m. u s-7.30 a.m., u li specifikatament ma javvicinax l-istabbiliment Gianpula;

Il-Qorti giet mitluba, sabiex, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat addebitat, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 18 ta' April 2011 u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi Lydon Cutajar, kif ukoll tordna li s-somma ta' €500 depozitati taht l-awtorita` tal-Qorti u s-somma ta' €2,500 bhala garanzija personali li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) fl-istess data, hin u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Graziella Grima li ghandha numru ta' l-identita` 535378 (M) hekk kif iccertifika Dr. R Patiniott MD reg 1860 tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana;

(3) fl-istess data, hin u cirkostanzi, ghamel ingurji u theddid lil Graziella Grima li ghandha numru ta' l-identita` 535378 (M), liema theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni, kif ukoll bi ksur ta' l-artikolu 251B(1) tal-Kap 9;

(4) fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

(5) irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' Graziella Grima u torbot l-imsemmi Lydon Cutajar b'dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u dan ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 kif ukoll, minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli, tapplika fil-konfront tal-hati l-ordni ta' protezzjoni a terminu tal-artikolu 412C tal-Kap 9

u taghmel ordni ta' protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Settembru 2012 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil Lydon Cutajar hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, irrevokat *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 18 ta' April 2011, ordnat l-arrest mill-gdid ta' Lydon Cutajar, ordnat li s-somma ta' hames mitt euro ddepozitata taht l-awtorita` tal-Qorti, kif ukoll is-somma ta' elfejn u hames mitt euro imposta bhala garanzija personali, jigifieri total ta' tlett elef euro jghaddu favur il-Gvern ta' Malta a tenur tal-artikolu 579(1) tal-Kap 9, filwaqt illi kkundannatu wkoll piena karcerarja ta' tliet (3) xhur. Ghal dak li jirrigwarda t-tieni (2), tielet (3), raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet, ikkundannatu piena komplessiva karcerarja ta' erba' (4) xhur. Dik il-Qorti wkoll, ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap. 9, ipprojbixxiet lill-istess appellant milli javvicina u/jew jikkomunika b'ebda mod ma' Graziella Grima, u dan ghal perijodu ta' tliet (3) snin;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Lydon Cutajar iprezentat fil-25 ta' Settembru 2012 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tibdel u tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fil-parti taghha fejn sabitu hati talli kiser il-kundizzjoni tar-rinkazar hekk kif imposta fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti Istruttorja (Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera) datat 18 ta'April 2011; in kwantu ghall-hames imputazzjoni, tikkonfermaha limitatament in kwantu htija ai termini tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, izda tirrevokaha in kwantu htija ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali u minflok tiddikjarah mhux recediv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; tirrevoka l-istess sentenza appellata in kwantu sabitu hati talli kiser kundizzjoni imposta fuqu fid-digriet tat-18 ta' April 2011 li kienet tipprojbixxih illi javvicina l-istabbiliment Gianpula; tirrevoka l-istess sentenza appellata in kwantu t-tieni, t-tielet, u r-raba' imputazzjoni billi tiddikjarah mhux hati u minnhom

tilliberah minn kull htija u piena; u finalment, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-aggravji dwar il-mertu, f'kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija, illi tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliggi piena aktar ekwa u gusta skond il-kaz;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet il-provi; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u dan wassal ghall-htija tieghu erronejament; (2) li ma jirrizultawx l-elementi necessarji biex setghet tinsab htija ai termini ta' l-artikolu 251B tal-Kap. 9; (3) li, ghalkemm recidiv ai termini ta' l-artikolu 49 tal-Kap. 9, mhuwiex recidiv ai termini ta' l-artikolu 50; (4) li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, kellha tinghata piena aktar miti.

**6.** Kwantu ghall-ewwel aggravju l-appellant jispecifika li sar apprezzament hazin ta' provi fir-rigward l-imputazzjoni li kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq Graziella Grima; l-imputazzjoni li kiser il-kundizzjoni fid-digriet tal-helsien mill-arrest li kienet tipprojbieh illi javvicina l-istabbiliment Gianpula; u l-imputazzjonijiet li hedded lil Graziella Caruana u li kiser il-paci pubblika.

**7.** Issa, fis-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti fid-19 ta' Dicembru 2012 li fiha xehdet Graziella Grima, din ix-xhud irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali peress illi qalet illi kienet qed tahfer lill-appellant u li ma kellhiex aktar interess f'dawn il-proceduri kriminali. Konsegwentement, in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni li l-appellant ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq l-imsemmija Graziella Grima bi ksur ta' l-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni li ghamel ingurji u theddid lill-istess Graziella Grima bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi fil-kaz ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet il-procedura kriminali tiddependi mill-kwerela tal-parti offiza (artikoli 221(4) u 339(1)(e) tal-Kap. 9), huma rinunzjabbli a tenur ta' l-artikolu 545(1) tal-

Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwantu mbaghad ghall-imputazzjoni li kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u glied, minn ezami ta' l-istqarrija ta' l-appellant u dak li xehdet Graziella Grima din il-Qorti mhijiex sodisfatta li din il-kontravvenzjoni giet sodisfacentement pruvata.

**8.** Dwar l-ewwel imputazzjoni, l-appellant ammetta illi kiser il-kundizzjoni ta' rinkazar izda ma ammettiex l-allegazzjoni li huwa kiser il-kundizzjoni li ma jersaqx lejn l-istabiliment Gianpula. Huwa jghid illi hemm distinzjoni bejn l-inhawi maghrufa bhala Gianpula u l-istabbiliment Gianpula *per se*. L-appellant jghid illi l-istabbiliment Gianpula jindika l-post fejn sehh l-incident fis-sena 2011, li in segwitu ghalih huwa kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati u nghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest fil-prezentata stess. Stante li dan l-allegat incident kien sehh gewwa l-istabbiliment Gianpula, giet imposta kundizzjoni fid-digriet tal-helsien mill-arrest illi ma javvicinax dak l-istabbiliment. Madankollu fis-27 ta' Awissu 2012 huwa kien qieghed gewwa Gringo's u mhux fl-istabbiliment Gianpula. Ghalhekk jikkontendi illi ma kisirx il-kundizzjoni li ma javvicinax l-istabbiliment Gianpula.

**9.** Issa, fost il-kundizzjonijiet kontenuti fid-digriet ta' helsien mill-arrest tat-18 ta' April 2011 hemm li l-appellant : "Ma javvicinax l-istabbiliment Gianpula tul dawn il-proceduri kollha". Stante illi Gringo's jifforma parti mill-kumpless ossia stabbiliment maghruf bhala Gianpula, allura l-appellant kien ipprojbit milli javvicina kwalunkwe parti minn dak l-istabbiliment hu x'inhu l-isem li jinghata lil xi parti minn dak l-istabbiliment. Fi kwalunkwe kaz, il-projbizzjoni li ma javvicinax ma tistax tittiehed illi tfisser biss illi ma jistax jidhol f'dan l-istabbiliment izda sahansitra li ma jersaqx vicin ta' dak l-istabbiliment, u allura illi lanqas ma ghandu jmur fit-triq vicin dak l-istabbiliment. Kwindi l-ilment ta' l-appellant li ma kellux jinstab hati li kiser il-kundizzjoni in kwistjoni huwa respint.

**10.** It-tieni aggravju ta' l-appellant tirrigwarda s-sejbien ta' htija rigwardanti r-reat kontemplat fl-artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Qabel xejn din il-Qorti tghid illi, stante illi dan ma kienx kaz ta' vjolenza domestika, allura

ma tistax issir rinunzja ai termini tat-tieni *proviso* ta' l-artikolu 543(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**11.** Dwar dan it-tieni aggravju l-appellant jghid illi stante li si trattava ta' allegat incident wiehed u mhux ta' *course of conduct*, allura ma setax jinstab hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 251B. L-appellant jirreferi ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijet **Il-Pulizija v. Raymond Parnis** fl-24 ta' April 2009 fejn intqal hekk:

**"Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."* L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear <u>on each of those occasions</u>…"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-kliem *'on each of those occasions'* huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, *'on at least two occasions'*. Ghal xi ragunu – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem *'on at***

***least two occasions'* thallew barra. Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008[1]:**

***" 'How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…'*[2]**

**"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal *'course of conduct'* ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali 'imgieba', haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz <u>f'din il-kawza</u> hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal *'course of conduct'* ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi. Ghalhekk l-appellant ser jigi liberat mill-imputazzjoni li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9."**

**12.** Fil-kaz in ezami, b'referenza ghall-incident tas-27 ta' Awissu 2012, Graziella Grima xehdet illi l-appellant taha

[1] OUP, 2007

[2] Para. B11.82, pp. 650-651. Ara wkoll il-kummenti u osservazzjonijiet f'paragrafu B11.91, p. 653.

daqqa go halqha u ghajjarha. Mistoqsija kinitx l-ewwel darba, qalet: “Gieli qalli drabi ohra”. Mill-provi ma jirrizultax li qatt ghamlet xi rapport fil-konfront ta’ l-appellant qabel l-incident in kwistjoni u mis-sentenzi esebiti ma jirrizultawx reati diretti kontra taghha. Fi kwalunkwe kaz ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 251B huwa ta’ biza’ “<u>li se tintuza</u> vjolenza” (sottolinear ta’ din il-Qorti). F’dan il-kaz vjolenza tidher li ntuzat u l-appellant gie akkuzat b’reati *ad hoc* u x-xhud irrinunjat ghall-azzjoni kriminali. Ghalhekk l-appellant ser jigi liberat mill-imputazzjoni li huwa kiser l-artikolu 251B(1) tal-Kap. 9.

**13.** Kwantu ghat-tielet aggravju, l-appellant ghandu ragun jghid illi l-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta mhuwiex applikabbli. Dan l-artikolu jiddisponi hekk :

**“Meta persuna kkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta’ dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista’ tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt.”**

**14.** Biex issostni l-addebitu tar-recidiva l-prosekuzzjoni esebiet tliet sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fil-konfront ta’ l-appellant. Permezz tas-sentenza tas-27 ta’ April 2011 gie kkundanat multa ta’ €118. Permezz tas-sentenza tad-19 ta’ Lulju 2011 inghata *conditional discharge* a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446. Permezz tas-sentenza tat-8 ta’ Novembru 2011 saret fil-konfront tieghu Ordni ta’ Protezzjoni.

**15.** Issa, kif din il-Qorti dejjem irriteniet, persuna ma tistax titqies recidiva fir-rigward tal-mezzi ta’ trattament kontemplati fil-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ara, per ezempju, f’dar-rigward l-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Stephen Zahra** deciz fit-30 ta’ April 2008 u l-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. George Desira** deciz fid-9 ta’ Jannar 2013. Imbaghad Ordni ta’ Protezzjoni skond l-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, hija mizura li

suppost tintuza fil-konfront ta' "l-akkuzat" u mhux fil-kofnront tal-"hati". Inoltre ma tistax titqies "piena" peress illi, a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-pieni huma dawk elenkati fl-imsemmi artikolu. Ghalhekk zgur ma japplikax l-artikolu 50 f'kaz li jigi kommess delitt sussegwenti.

**16.** Kwantu ghal-multa nflitta permezz tas-sentenza tas-27 ta' April 2011, peress illi jirrizulta illi fis-27 ta' Awissu 2012 din kienet ghadha ma thallsitx (ara verbal tas-seduta tal-11 ta' Settembru 2012 u Dok. MB a fol. 24 – 26), allura l-piena kienet ghadha ma gietx "skontata", u l-artikolu 50 mhuwiex applikabbli. Kwindi hu applikabbli biss l-artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward biss tas-sentenza msemmija tas-27 ta' April 2011.

**17.** L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena. Evidentement in vista ta' dak suespost irid ikun hemm temperament fil-piena. L-ewwel Qorti ddecidiet li timponi piena ta' erba' xhur prigunerija ghat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet. Dwar it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, din il-Qorti mhijiex se tikkonferma s-sejbien ta' htija u ghalhekk il-piena ta' erba' xhur prigunerija se tigi revokata. L-addebitu tar-recidiva (il-hames imputazzjoni) huwa addebitu li japplika wkoll ghall-ewwel imputazzjoni u mhux biss ghar-reat ta' offizi hfief (it- tieni imputazzjoni) u ghar-reat kontemplat fl-artikolu 251B (parti mit-tielet imputazzjoni). Fi kwalunkwe kaz, ghal dak li jirrigwarda dawn l-ahhar zewg imputazzjonijiet hi bla effett galadarba mhix se tigi kkonfermata l-htija.

**18.** L-ewwel imputazzjoni tirrigwarda r-reat kontemplat fl-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal dan ir-reat l-ewwel Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest tat-18 ta' April 2011, ordnat li s-somma ta' hames mitt euro ddepozitata taht l-awtorita` tal-Qorti, kif ukoll is-somma ta' elfejn u hames mitt euro imposta bhala garanzija personali, jigifieri total ta' tlett elef euro jghaddu favur il-Gvern ta' Malta a tenur tal-artikolu 579(1) tal-Kap 9, filwaqt illi kkundannat lill-appellant ukoll ghall-piena karcerarja ta' tliet (3) xhur.

**19.** Issa, mill-fedina penali aggornata ta' l-appellant ma jidhirx illi minn mindu nbdew il-proceduri odjerni kien hemm ksur iehor tal-ligi da parti ta' l-appellant. Inoltre, bhalma diga` ntqal (para. 16 *supra*), mhuwiex applikabbli l-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda biss l-artikolu 49. Din il-Qorti barra minn hekk hadet konjizzjoni tac-certifikat psikjatriku rilaxxat mill-psikjatra Dottor Joseph F. Spiteri datat 9 ta' Jannar 2013. Mehud dawn ic-cirkostanzi kollha flimkien din il-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont tan-natura tal-ksur ta' kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u konsistenti f'li ma zammx il-*curfew* f'okkazjoni wahda u li "avvicina l-istabbiliment Gianpula", il-piena adegwata hi dik karcerarja nflitta mill-ewwel Qorti flimkien mal-konfiska tas-somma ta' tlett elef euro izda mhux ukoll ir-revoka tal-helsien mill-arrest.

**20.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), u tar-raba' (4) imputazzjonijiet; in kwantu jirrigwarda t-tieni imputazzjoni u l-ewwel parti tat-tielet imputazzjoni tiddikjara l-procediment ezawrit stante rinunzja tal-parti leza; in kwantu t-tieni parti tat-tielet imputazzjoni u r-raba' imputazzjoni tiddikjarah mhux hati taghhom u minnhom tilliberah; tirrevoka s-sentenza appellata wkoll in kwantu sabitu hati ta' l-addebitu ta' recidiva a tenur ta' l-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dak l-addebitu u minnha tilliberah; tirrevokaha in kwantu kkundannatu erba' xhur prigunerija dwar it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet; tirrevokaha wkoll in kwantu ikkundannatu piena komplessiva karcerarja ta' erba' (4) xhur dwar it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet; fl-ahharnett tirrevokaha in kwantu ordnat ir-revoka tal-helsien mill-arrest ta' l-appellant Lydon Cutajar u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------